# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. NOEL V. ARRIGO LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 28 ta` Gunju, 2002**

**Numru: 2**

**Citaz. Numru: 89/00**

**Anthony Cuschieri**

**vs**

**Kummissarju Kontroll ta` l-Izvilupp**

Dan huwa Appell minn decizjoni tal-Bord ta` L-Appell Dwar L-Ippjanar tat-23 ta` Frar 2000 liema decizjoni nghatat wara Appellipprezentat quddiem l-istess Bord minn Anthony Cuschieri, appellat fil-kawza odjerna, minn rifjut mahrug mill-Kummissjoni ghall-Kontroll ta` l-Izvilupp tal-15 ta` Frar, 1999.

L-istess Bord kien laqgha l-Appell ta` l-istess Anthony Cuschieri u hassar ir-rifjut relattiv u dana principlament fuq din il-motivazzjoni *"Fl-isfond tal-hrug tal-permess 1948/98 il-Bord ma jistax ma jaccettax l-appell odjern billi, mutatis mutandis, qed nitkellmu dwar l-istess*

*principju. Huwa minnu li s-sitt mertu ta` l-applikazjoni huwa kbir u ghalhekk il-bord qed jillimitah fis-sens li ghandu jkun izghar milli kif deskritt fis-site plan in kwistjoni. Fil-fatt parti minn din il-footprint li l-Bord ddelineja, diga` hemm bini ta` razzett antik, li naturalment ser jitwaqq` u jerga` jinbena. Ghandu jkun limitat ghall-parti delineat bl-ahmar fis-site plan hawn anness u ffirmat mill-membri sottofirmati. Dan is-site plan jittiehed bhala parti integrali ta` din is-sentenza".*

Minn din id-decizjoni tal-Bord, l-Awtorita` ta` l-Ippjanar hasset ruhha aggravata u permezz ta` rikors ta` l-Appell tad-9 ta` Marzu 2000 ipprezentat Appell quddiem din il-Qorti. Ghal dan ir-rikors saret ir-risposta ta` l-appellat fejn, apparti milli qajjem eccezzjonijiet ta` natura preliminari, sostna illi d-decijoni fil-mertu kienet wahda gusta u li kienet timmerita konferma.

Fis-seduta tat-29 ta`Mejju 2000 giet ittratta il-kwistjoni preliminari jekk din il-Qorti kelliex *"kompetenza li tiddeciedi materji ta` 'ultra vires' meta gew ma kienux gew ittrattati u decizi fid-decizjoni appellata".* Dwar dan il-punt saru noti ta` osservazzjonijiet estensivi mill-partijiet rispettivi, dik ta` l-Awtorita` appellanti fl-24 ta` Lulju 2000 bin-nota risponsiva tad-29 t`Awissu 2000. B`sentenza parzjali ta` din il-Qorti tat-30 ta` Marzu 2001 l-eccezzjoni preliminari giet respinta b`dan il-mod *"Ghal dawn il-motivi, filwaqt li tichad l-eccezzjoni preliminari ta` l-appellat, tiddikjara l-appell ammissibbli in kwantu jikkoncerna l-aggravju ta` l-'ultra vires' u tordna t-*

*tkomplika tas-smiegh tieghu skond il-ligi. L-ispejjez ta` din id-decizjoni jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti".* Wara li regghu saru noti ta` sottomissjonijiet mill-partijiet rispettivi din id-darba fir-rigward tal-mertu u dana fid-19 t`Ottubru u 7 ta` Novembru 2001 l-Appell gie differit ghas-sentenza liema sentenza sejra tinghata llum.

Ikkunsidrat;

Illi l-gurisdizzjoni tal-Bord ta` l-Appell huwa delinjat mill-Artiklu 15 ta` l-Att Dwar l-Ippjanar ta` l-Izvilupp (Kap. 356 tal-Ligijiet ta` Malta). Din il-gurisdizzjoni hija sufficjentement ampja fiha nnifisha pero` tiehu tifsira aktar sinjifikattiva meta mehuda mal-paragrafu 6 tat-tielet skeda ta` l-istess Att li jghid *"Il-Bord ikollu s-setgha li jikkonferma, ihassar jew ibiddel decizjoni li kontra taghha jkun sar Appell u jaghti dawk id-direttivi li jidhrulu xieraq".* Dan il-paragrafu ghalhekk, jaghmilha car, kif ukoll irriteniet din il-Qorti f`diversi sentenzi precedenti taghha, illi il-poteri tal-Bord fil-konsiderazzjoni ta` aggravji mressqin quddiem mid-decizjonijiet ta` l-Awtorita` ta` l-Ippjanar huwa mhux biss li jikkonferma jew ihassar dawn id-decizjonijiet izda ukoll li jista` ibiddilhom.

Issa minn ezami akkurat tal-fatti ta` din il-kawza dan huwa proprju dak li ghamel il-Bord fil-kaz prezenti. Effettivament huwa ma laqax l-Appell ta` l-appellant fl-intier tieghu izda dehrlu li din l-applikazzjoni kellha tigi

accettatha limitatament ghal parti biss mis-sit in kwistjoni u mhux ghas-sit kollu peress illi l-Bord dehrlu li dan is-sit kien kbir wisq biex jigi zviluppat u ghalhekk l-izvilupp kellu jigi kkontrollat ghal sit izghar. Il-konsiderazzjonijiet l-ohra li ghamel il-Bord kienu konsegwenza naturlali ta` din id-decizjoni u segwew b`mod ancillari u sussidjaru u ghalhekk, fil-fehma ta` din il-Qorti, ma jinpingu bl-ebda mod fuq id-decizjoni principali tal-Bord, nonostante illi jrid jinghad illi anke dawn il-konsiderazzjonijiet ulterjuri maghmula mill-Bord jaqghu fil-kompitu tieghu kif fuq deskritt.

Mil-lat fattwali din il-Qorti ukoll thoss illi ir-rapport tal-Case Officer f`dan il-kaz huwa relevanti. Dan gie ukoll ikkunsidrat mill-Bord u kien wiehed mill-fatturi li wassluh ghal konkluzjoni illi almenu fir-rigward tal-parti mis-sid li dwaru huwa kien laqgha l-Appell ta` l-applikant, dik il-parti kienet ‘committeed’ ghal uzu kommercjali/industrijali.

Dwar dan il-punt pero` u fir-rigward tal-punti l-ohra msemmija mill-Awtorita`appellatafir-rikors ta` l-Appell u fin-nota minnha pprezentata din il-Qorti mill-gdid tiddikjara li m`ghandiex il-funzjoni fil-gurisdizzjoni limitata li hija ghandha skond id-dispozizzjonijiet tal-ligi li jillimitaw drastikament din l-istess gurisdizzjoni li tirrevedi decizjonijiet tal-Bord hlief fejn ikun hemm punt ta` dritt involut (Emanuel Mifsud versus Awtorita` ta` l-Ippjanar 31/5/1996). Stabbilit ghalhekk illi, kif gia intqal, fil-fehma ta` din il-Qorti il-limitazzjoni li mpona l-Bord kien ‘intra vires’ il-

poteri tieghu din il-Qorti trid tieqaf hemm minghajr ezami ulterjuri ta` konsiderazzjonijiet ohra inkluz jekk is-sit in kwistjoni kienx verament u bhala fatt wiehed 'committed'. *"Konsegwentement ma tistax tissotitwixxi d-diskrezzjoni li juza l-Bord ghad-diskrezzjoni taghha biex tara verament l-area in kwistjoni kenitx 'committed' fis-sens li qal il-Bord".* (Charles Cassar versus il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta` l-Izvilupp 31/5/2001)

Ghal dawn ir-ragunijiet l-Appell huwa respint bl-ispejjez u d-decizjoni appellata kkonfermata fl-intier taghha.

Dep/Reg.

gs